MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 1154/2013

Nantofen **Limited C 37528**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-<u>rikors</u> prezentat fit-<u>2 ta` Dicembru 2013</u> li jaqra hekk–

*Illi s-socjeta` esponenti hija kumpannija privata limitata li giet registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet ta` Malta originarjament taht l-isem 'Celtic Idea Ltd' nhar it-tnax (12) ta` Dicembru, tas-sena elfejn u hamsa (2005) u li ghandha n-numru ta` registrazzjoni C 37528, u dan kif jirrizulta kjarament mic-Certifikat tar-Registrazzjoni tas-socjeta` esponenti mahrug taht l-Att Dwar Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL1').*

*Illi permezz ta` rizoluzzjoni straordinarja bil-miktub, datata il-wiehed u ghoxrin (21) ta` Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-membri tas-socjeta` esponenti ddeciedew inter alia li l-isem tal-kumpannija jinbidel minn 'Celtic Idea Ltd' ghal isem attwali ossija 'Nantofen Limited' kif jixhed car mic-certifikat ta`*

*registrazzjoni mibdul mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji a tenur tal-Artikolu 80 tal-Att Dwar Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL2').*

*Illi mill-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni tas-socjeta` esponenti (kopja tal-ahhar verzjoni li giet registrata mal-awtoritajiet kompetenti nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta` Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL3') jirrizulta illi l-objects principali taghha huma s-segwenti :*

*"To acquire and hold, buy and/or sell/transfer shares, membership, interests, stocks, bonds, debentures or securities of or in any other company or body of persons (whether such shares or other securities be fully paid up or not) whether in Malta or anywhere else in the world where the so doing may seem desireable in the interest of the Company, and in such manner as may from time to time be determined, solely in the name of, for and on behalf of the Company and the carrying out of such other facts and entering into such agreements as may be necessary, desirable, connected or ancillary in respect of the above."*

*Illi l-kapital azzjonarju awtorizzat attwali tas-socjeta` esponenti jammonta ghal hamest elef u hames mija Dollaru Amerikan (USD 5,500), liema kapital huwa maqsum f`hamest elef, erba` mija u disgha u disghin (5,499) ishma ordinarji fi klassi 'A' ta` valur nominali ta` Dollaru Amerikan (USD 1) kull sehem, u f`sehem wiehed (1) fi klassi 'B' ta` valur nominali ta` Dollaru Amerikan (USD1).*

*Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt attwali tas-socjeta` esponenti huwa ta` tlett elef u hames mija Dollaru Amerikan (USD 3,500), liema kapital huwa maqsum fi tlett elef, erba` mija u disgha u disghin (3,499) ishma ordinarji fi klawwi 'A' ta` valur nominali ta` Dollaru Amerikan (USD 1) kull sehem, u f`sehem wiehed fi klassi 'B' ta` valur nominali ta` Dollaru Amerikan (USD 1).*

*Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt tas-socjeta` esponenti gie sottoskritt da parte tal-azzjonisti in kwantu s-socjeta` Celtic Idea Holdings Limited C 37507 (illum registrata taht l-isem Nantofen Holdings Limited) hadet tlett elef, erba` mija u disgha u disghin (3,499) ishma ordinarji fi klassi 'A' fis-socjeta` esponenti, u in kwantu s-sehem rimanenti ossija s-sehem ta` klassi 'B' bil-valur nominali ta` Dollaru Amerikan appartjena lis-socjeta` Celtic Pharmaceutical Holdings L.P (kumpannija registrata gewwa l-Gzejjer ta` Bermuda) u dan kif hu rifless ampjament mill-estratt tal-Involved Parties tas-socjeta` esponenti mehud minn fuq is-sit elettroniku tar-Registratur tas-Socjeta` (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL4').*

*Illi, sfortunatament, il-qaghda finanzjarja tas-socjeta` esponenti matul dawn l-ahhar snin kienet tinsab fi stat batut hafna u ilha sejra ghall-aghar ghal zmien twil, kif jindikaw ir-rapport finanzjarji tas-socjeta` esponenti (kopja tal-Annual Reports and Financial Statements for the Year ending 31 December 2011 hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL5'). Minkejja diversi tentattivi da parte tal-membri u tad-diretturi kollha sabiex is-socjeta` esponenti tirnexxielha tirkupra s-sahha finanzjarja, inkluz diversi diskussjonijiet mal-kredituri taghha, is-sitwazzjoni ma setghetx tigi rrimedjata.*

*Illi, konsegwentement, is-socjeta` esponenti qeghda f`sitwazzjoni fejn effettivament hi ma tistax thallas id-djun taghha.*

*Illi, peress li s-socjeta` esponenti evidentement tinsab fi stat ta` insolvenza, inzammet laqgha generali straordinarja tal-membri tas-socjeta` esponenti nhar l-erbgha (4) ta` Settembru 2013 gewwa l-ufficcju registrat taghha.*

*Illi fil-kors tal-laqgha generali straordinarja ndikata fil-paragrafu precedenti, ittiehdet rizoluzzjoni straordinarja, li permezz taghha l-membri tas-socjeta` esponenti ddeciedew unanimament li s-socjeta` ghandha xxolji u ghandha tigi stralcjata mill-Qorti, u dan kif jirrizulta mill-estratt tal-minuti tal-laqgha generali straordinarja in kwistjoni u cioe` l-laqgha generali straordinarja tal-membri tas-socjeta` esponenti mizmuma nhar l-erbgha (4) ta` Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) gewwa l-ufficcju registrat registrat tas-socjeta` esponenti fil-Belt Valletta (kopja tal-Estratt tal-Minuti tal-Laqgha Generali Straordinarja tas-socjeta` esponenti hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL6').*

*Illi r-rizoluzzjoni straordinarja ndikata fil-paragrafu precedenti kienet approvata mill-membri kollha tas-socjeta` esponenti. Konsegwentement, ir-rizoluzzjoni hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u senjatament ghal dak li jipprovdi l-Artiklu 214(1)(a) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Illi huwa mixtieq illi l-istralc tas-socjeta` esponenti tigi ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti u tigi regolata skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu 1 tat-Titolu II tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Illi s-socjeta` esponenti kkonsenjat l-avviz tar-rizoluzzjoni ossija l-Formola B(1) Avviz ta` rizoluzzjoni favur xoljiment u l-istralc volontarju konsegwenzjali rikjest skont is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 265 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) lir-Registratur, li permezz tal-istess formola s-socjeta` esponenti avzat lir-Registratur illi ghaddiet rizoluzzjoni generali*

*straordinarja ghax-xoljiment u ghall-istralc konsegwenzjali mill-Qorti (kopja tal-Formola B(1) relattiv hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok NL7'.*

*Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tad-disposizzjonijiet tas-Sub-Artiklu(1)(a) tal-Artiklu 218 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(1) Tordna x-xoljiment u l-istralc mill-Qorti tas-socjeta` esponenti skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tal-Hames Parti tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*(2) Taghti kull provvedimenti li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` Dicembru 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2014.pprezentat ir-rikorrenti fit-3 ta` Frar 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Frar 2014.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art 214(1)(a) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*
…
*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Il-kumpannija rikorrenti ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art 218(1)(a) tal-Kap 386** li jaqra hekk –

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*
…
*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji*
…

Fil-kaz tal-lum, hija l-kumpannija **stess** illi qeghda tipprezenta r-rikors wara risoluzzjoni li hadu l-azzjonisti **kollha** tal-kumpannija.

Jirrizulta li r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat kemm bl-avviz tar-rizoluzzjoni straordinarja skond l-**Art 265(1)** tal-Kap 386 kif ukoll b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art 218(8)** tal-Kap 386.

L-**Art 214** tal-Kap 386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art 214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera l-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art 214. Ir-rikorrenti mhix taghmel talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art 214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art 214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Ar .214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta li l-isem originali tal-kumpannija rikorrenti kien CELTIC IDEA LIMITED. Il-kumpannija giet registrata bin-Nru C37528 fit-12 ta` Dicembru 2005 (Dok NL1).

Il-kumpannija bidlet isimha ghal NANTOFEN LIMITED wara rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti kollha tal-21 ta` Dicembru 2007 (Dok NL3). L-isem il-gdid kien registrat mar-Registratur tal-Kumpanniji fit-28 ta` Dicembru 2007 bin-numru ta` registrazzjoni jibqa` l-istess (Dok NL2).

Mill-atti socjetarji esebiti, jirrizulta li l-*authorised share capital* tal-kumpannija, l-*issued share capital* taghha, l-azzjonisti u l-*objects* huma kollha kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors promotorju (Dok NL3).

Id-diretturi tal-kumpannija huma tnejn : Joseph Blaker u John Charles Mayo. Tal-ewwel huwa cittadin tar-Renju Unit u residenti l-Ingilterra. Id-direttur l-iehor huwa wkoll cittadin tar-Renju Unit u residenti l-Ingilterra.

Skond klawsola 43 ta` l-*Articles of Association, an extraordinary resolution of the Company shall be validly passed if :*

*a) It has been taken at a general meeting of which notice specifying the intention to propose that resolution as an extraordinary resolution and the principal purpose thereof has been duly given ; and*

*b) It has been passed by a number of members hoilding in the aggregate not less than seventy five per cent (75%) in nominal value of the issued shares conferring the right to attend at that meeting and to vote for that resolution.*

Il-Qorti rat ir-risoluzzjoni tal-4 ta` Settembru 2013 (Dok NL6) u hija tal-fehma illi tikkwalifika bhala risoluzzjoni straordinarja valida skond il-klawsola 43 ta` l-*Articles of Association,* u kwindi hija bizzejjed biex twassal ghax-xoljiment tal-kumpannija. Jirrizulta wkoll illi r-risoluzzjoni kienet approvata mill-azzjonisti **kollha**.

Fid-*directors` report* inserit fl-*annual report* u l-*financial statements* tal-kumpannija (Dok NL5) ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2011, wara li jaghmel *review* tan-negozju tal-kumpannija u jittratta l-andament ta` dak in-negozju jinghad hekk –

*As at 31 December 2011, the company had net liabilities of US$ 24,826,711. Of this amount, US$ 24,837,336 are amounts due to the loan note holders (note 8). The companby is not in a position to pay back these loan notes. The board of directors have written to the loan note holders requesting that they cancel the Loan Notes and therefore forgive the amounts due to them. A resolution to this effect is being proposed at the meeting of the note holders to be held on 29 October 2012.*

*The board of directors know of no reason why this should not be agreed upon (as the loan note holders are in substantially a pro rata ration eiother shareholders or participation rights in the Company`s parent company and therefore benefit from such write off.*

*Once these actions are completed, it is intended that the company is wound up on a shareholders` voluntary basis.*

Skond l-*statement of financial position* ghall-istess sena li ghamlu l-awdituri, jirrizulta li l-kumpannija kellha *current liabilities* ta` US$24,835,838 imqabbel mal-US$23,653,858 f`gheluq is-sena 2010.

F`gheluq l-2011, il-kumpannija rregistrat telf ghal dik is-sena ta` US$ 1,189,223, paragunat ma` telf ta` US$ 1,126,814 ghas-sena li ghalqet 2010.

Skond l-awdituri, in-negozju tal-kumpannija jesponiha ghall-potenzjal ta` *a variety of financial risks.* Ighidu wkoll illi *the company is exposed to liquidaity risk in relation to meeting future obligations associated with its financial liabilities which comprise trade and other payables.*

L-istat finanzjarju prekarju tal-kumpannija baqa` ma giex ghall-ahjar la matul l-2012 u lanqas fix-xhur tal-2013 precedenti ghad-data li ttiehdet ir-rizoluzzjoni straordinarja. Dan jirrizulta kjarament mill-assjem tad-dokumenti li kienu annessi man-nota tal-kumpannija rikorrenti tat-3 ta` Frar 2014. Jinghad biss illi skond id-*draft financial statements* f`gheluq is-sena 2012, in-*net liabilities* kienu jammontaw ghal US$ 26,074,601 waqt li t-telf ghal dik is-sena kien ta` US$ 1,247,890.

Huwa evidenti li l-azzjonisti tal-kumpannija huma rassenjati ghall-fatt illi l-kumpannija ma tistax tirkupra. Infatti mhux qeghdin juru l-ebda disponibilita` li jaghmlu xi *cash injection* sabiex jaqilbu t-*trend* negattiv u l-girja `l isfel li hadet il-kumpannija. Qeghdin jaccettaw bhala stat ta` fatt l-inkapacita` tal-kumpannija li thallas id-djun taghha u kwindi l-azzjonisti ghazlu x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija. Fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra taderixxi mat-talba.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti kif gej –**

**1) Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti Nantofen Limited (C37528) ottemperat ruhha ma` l-Art 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Nantofen Limited (C37528) b`effett mill-4 ta` Settembru 2013 kif ighid it-tieni proviso tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti u previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**4) Tordna li l-ispejjez ta` l-provvediment tal-lum u l-ispejjez kollha tal-istralc inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali fil-vesti tieghu ta` stralcjarju jithallsu mill-attiv tal-kumpannija rikorrenti kif previst mill-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------